MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-13 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1279/2008

**MCF Construction Limited**

**Vs**

**Venille Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf tas-socjeta` attrici li bih, wara li fissret illi:

Illi s-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` intimata kienu dahlu fi ftehim tramite liema is-socjeta` intimata obbligat ruhha li tbiegh u titrasferixxi lis-socjeta` rikorrenti tnax il-garage li jgibu in-numru mhux ufficjali 1 – 11 (it-tnejn inkluzi) u in-

numru 15, f'basement level sottopost ghal blokk bl-isem ta' La Jardin Mansions, fi Triq Robert Mifsud Bonnici, Balzan, u dan skond kif patwit u maqbul tramite il-konvenju tad-29 ta' Novembru, 2007, liema konvenju gie debitament registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bir-referenza numru PS 200709460.

Illi skond l-istess ftehim il-bejgh kellu jsir versu il-prezz ta' hamsa u erbghin elf Liri Maltin (Lm45,000) (ekwivalenti ghal mija u erbat elef tminn mija u wiehed u ghoxrin Euro u tmenin centezmu Euro 104821.80), liema prezz thallas kollu fuq l-istess konvenju;

Illi minkejja illi s-socjeta` intimata giet interpellata sabiex taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-kompro-vendita, u dan tramite l-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru, 2008 (referenza 3444/2008), l-istess socjeta` intimata baqghat inadempjenti;

Illi jirrizulta wkoll illi l-binja de quo li minnhom kellhom jiffurmaw parti l-istess garaxxijiet mertu ta' l-istess konvenju, ghada lanqas biss bdiet tinbena, u ghaldaqstant, is-socjeta` intimata tinsab fl-impossibilita` li taddivjeni ghall-pubblikazzjoni ta' l-istess kuntratt tal-kompro-vendita;

Illi ghaldaqstant, l-ammont ta' hamsa u erbghin elf liri Maltin (Lm45,000) (ekwivalenti ghal mija u erbat elef tminn mija u wiehed u ghoxrin Euro u tmenin centezmu Euro 104821.80) mhallas fuq l-istess konvenju mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata ghandu jigi rifuz lill-istess socjeta` rikorrenti;

Illi ghaldaqstant, is-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' mija u erbat elef tminn mija u wiehed u ghoxrin Euro u tmenin centezmu (Euro 104821.80);

Illi minkejja li s-socjeta` intimata giet interpellata biex thallas il-bilanci dovuti u tottempra ruhha ma dak miftiehem, hija baqghat inadempjenti;

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut;

Illi s-socjeta` intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti in kontro-trattazzjoni tat-talbiet attrici u ghalhekk jippersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet illi l-qorti;

Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh kif provdut fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tikkundanna lis-socjeta` intimata li thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' mija u erbat elef tminn mija u wiehed u ghoxrin Euro u tmenin centezmu (€ 104821.80);

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' mandati u l-ittri ufficjali kif ukoll bl-imghax kontra is-socjeta` intimata li hija ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat illi s-socjeta` konvenuta ammettiet it-talbiet wara li l-qorti fissritomlha;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta it-talba dedotta fir-rikors mahluf tirrizulta pruvata:

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------